KUNSILL LOKALI PAOLA

# Kunsill Lokali Paola

## Rapport Amministrattiv 2015-2016

Mill-bidu ta' din il-leġislatura, il-Kunsill Lokali Paola mill-ewwel beda jaħdem bis-sħiħ u dan wassal sabiex wara biss mitt jum ta' ħidma, inawgura l-ewwel proġett – dak ta' **bandli fi Pjazza Sant Antnin**. Dan il-bandli huwa kompletament sigur għat-tfal tagħna għax mhux biss huwa mdawwar b'*fence* illi jassigura lit-tfal li jkunu qed jilgħabu ma jintlaqtux minn xi vettura, imma huwa wkoll miksi bl-art tal-gomma għas-sigurtà tagħhom. Dan huwa l-ewwel bandli ta' din ix-xorta li nsibu ġewwa l-lokal tagħna.

Apparti dan il-proġett fil-bidu tal-leġislatura wkoll il-Kunsill Lokali Paola ikkonkluda proġett li kien parti mill-iskema ***Urban Greening*.** F'dan il-proġett tħawlu numru ta' siġar u pjanti fil-ġonna u t-toroq ta' madwar il-lokalità. Dan grazzi għall-għajnuna u l-inizjattiva tal-Ministeru għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima.

Fi tmiem is-sena l-oħra, il-lokalità ta' Paola ntgħażlet sabiex tkun l-ewwel waħda li tibbenefika mill-iskema tal-***One Stop Shop*,** imħaddma mill-Gvern Ċentrali sabiex toffri s-servizzi tal-Gvern b'mod iktar viċin il-poplu. Dan qed iwassal sabiex issa l-Kunsill Lokali Paola jista' jagħti aktar servizz lill-poplu, mhux biss fejn jidħol il-lokal imma wkoll fejn jidħol il-Gvern Ċentrali. Il-ħsieb ta'dan hu biex ir-resident ikollu aktar servizzi viċin tiegħu. Din kienet wegħda oħra ta' dan il-gvern li bdiet titwettaq. Permezz tal-*One Stop Shop* ingħata facelift lil bini tal-Kunsill Lokali Paola kollox għas-spejjez tal-Gvern Ċentrali. Illum, dan il-*one stop shop* beda iservi ukoll bħala post fejn wieħed jista' iħallas il-**kont tad-dawl u l-ilma** tiegħu nhar ta' Erbgħa filgħaxija u Sibt filgħodu.

Fejn jidħlu proġetti tal-**Unjoni Ewropea,** tul din is-sena ġie fi tmiemu l-proġett Linking the Lines. Dan il-proġett qed jagħmilha aktar faċli għal dawk it-turisti li jkunu jridu jżuru postijiet storiċi mhux biss fil-lokal tagħna imma wkoll fil-lokalitajiet tal-viċin. Bħalissa wkoll qed issir esebizzjoni fil-kampnar tal-knisja li tiġbor fiha informazzjoni dwar il-postijiet storiċi tal-lokalità u l-madwar. Wara li saru laqgħat dwar proġetti Ewropej, mal-Konsulent tal-Kunsill Dr Malcolm Borg, issa bdejna ħidma sfieqa sabiex napplikaw għall-proġetti ġodda li nemmen li ħa jkunu ta' benefiċċju għal-lokalità.

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola din is-sena ħadem ukoll sabiex jagħti hajja lis-sala tal-Kunsill billi joffri **korsijiet** dwar is-saħħa, dwar kif wieħed jgħix aħjar f'dahru u beda jopera wkoll f'din l-istess sala **Ċentru għall-Anzjanità Attiva** fejn l-anzjani jattendu il-Kunsill kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fejn apparti li jqattgħu ftit ħin flimkien dawn umbagħad jiddiskutu bejniethom u jitgħallmu ħafna affarijiet fuq suġġetti differenti. Dan iċ-ċentru kien tassew suċċess kbir u infatti wassal wkoll sabiex jiġu organizzati diversi **ħarġiet** għal dawn l-anzjani fosthom anke fl-Sports Day Nazzjonali għall-anzjani. Kien gost u pjaċir tagħna naraw lilhom jinteressaw ruħhom f'dan il-proġett tant għal qalb il-Kunsill.

F'Settembru il-Kunsill Lokali Paola beda jopera **b'Van li jaħdem totalment bl-elettriku**, parzjalment iffinanzjat mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura; wara li l-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €10,000 minn Transport Malta. Permezz ta' din il-vettura qed nagħmlu l-parti tagħna fid-dawl li l-operat tal-van ma jagħmel l-ebda ħsara fuq l-ambjent. Grazzi għall-inizjattivi mħaddma minn dan il-Gvern, il-Kunsill Lokali ibbenefika wkoll minn fondi oħra fid-dawl li ġie skrapjat l-Van l-antik tal-Kunsill.

Apparti dawn il-proġetti il-Kunsill Lokali Paola baqa' għaddej bil-**ħidma ta' kuljum** fejn jidħlu ilmenti tar-residenti kif ukoll beda programm ta' tiswijiet ta' **bankini** u xogħol ta' **manutenzjoni** skond kif meħtieġ. Il-Kunsill kompla ukoll fl-organizzazzjoni ta' **attivitajiet** diversi għar-residenti fejn fost l-oħrajn żorna Għawdex darbtejn kif ukoll organizza attività għall-anzjani fi żmien il-Milied. Ma jonqsux ukoll l-attivitajiet li l-Kunsill jaħdem bil-kollaborazzjoni ta' l-għaqdiet tal-lokal.

Hekk kif qed nirreferi għal-attivitajiet ma nistax ma nsemmix l-programm ta' attivitajiet tal-Milied fejn f'kull attività li sargħet kien hemm attendenza tassew tajba fejn kull attività sargħet b'għan filantropiku.

Tul din il-leġislatura il-Kunsill Lokali Paola ħadem ukoll biex isellem memorja ta' żewġ politiċi li huma għal-qalb il-Pawlisti billi parti minn Triq il-Wied issemmiet għat-tabib Karl Chircop kif ukoll Ġnien Wied Blandun issemma għal-Perit Dom Mintoff.

Il-Kunsill Lokali Paola baqa' għaddej b'ħidma kontinwa u hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-kollegi tiegħi l-kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-istaff u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom tul din is-sena. Kif wieħed seta' jinnota din is-sena kienet il-bidu ta' ħidma sfieqa u xogħol anke li forsi ma jidhirx li żgur ser naraw il-frott tiegħu fis-snin li ġejjin.

**Dominic Grima**
**Sindku**